**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**Dr. Anna Mallia, LL.D.**

Seduta tal-04 ta' Marzu, 2016.

Talba Numru: 908/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 19

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**vs.**

**Joe Mark Mercieca (KI. 14894M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-26 ta' Novembru, 2015 illi permezz tiegħu s-Soċjeta′ attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' seba' mija u hdax-il ewro u hamsa u sebghin centezmu (€711.75c) in konnessjoni ma' servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat a bazi ta' tariffa 'Voda Red Con-World' referribli ghal kont bin-numru 1.10995185.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' seba' mija u hdax-il ewro u hamsa u sebghin centezmu (€711.75c) bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**